

Brussell, 13 ta' Mejju 2025
(OR. en)

7981/1/25
REV 1

EF 108
ECOFIN 418
DROIPEN 42
COTER 55
ENFOPOL 114
CT 45

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħatra ta' erba' membri full-time tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

dwar il-ħatra ta' erba' membri full-time tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jstabilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 tiegħu,

¹ ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1620/oj>.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2024/1620 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (l-“Awtorità”).
- (2) L-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2024/1620 jipprovdi għall-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità magħmul mill-President tal-Awtorità u ħames membri full-time, inkluż il-Viċi President. Dawk il-ħames membri full-time għandhom jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, wara l-preżentazzjoni lill-Parlament Ewropea ta' proposta tal-Bord Ġenerali tal-Awtorità, ibbażata fuq il-lista mqassra ta' kandidati kwalifikati mfassla mill-Kummissjoni, u l-approvazzjoni ta' dik il-proposta mill-Parlament Ewropew. Dak l-Artikolu jipprovdi wkoll għal mandat ta' erba' snin għall-membri full-time tal-Bord Eżekuttiv.
- (3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppreparat lista mqassra ta' kandidati għall-ħatra tal-ħames membri full-time tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità u pprovdietha lill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill ġie infurmat bil-lista mqassra fl-istess jum.

- (4) Fil-11 ta' Marzu 2025, il-Bord Ġenerali tal-Awtorità adotta proposta għall-ħatra tas-Sur Simonas KRÉPŠTA, is-Sa Rikke-Louise PETERSEN, is-Sur Marcus PLEYER, is-Sa Derville ROWLAND u s-Sur Juan Manuel VEGA SERRANO bħala l-ħames membri full-time tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità u ppreżentaha lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Fit-3 ta' April 2025, il-Parlament Ewropew approva l-proposta għall-ħatra tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità.
- (5) Fit-8 ta' Mejju 2025, is-Sur Marcus PLEYER irtira l-kandidatura tiegħu għal raġunijiet personali.
- (6) Skont l-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2024/1620, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-istabbiliment tal-Awtorità u għall-operat inizjali tagħha sal-31 ta' Diċembru 2025. Fid-dawl tal-kompiti u s-setgħat mogħtija lilu, huwa xieraq li l-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità jiġi stabbilit minnufih biex jiżgura trasferiment bla xkiel u rapidu. Għaldaqstant, jenħtieġ li jinħatru erba' membri full-time tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri full-time tal-Bord Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu għal mandat ta' erba' snin mill-1 ta' Ġunju 2025:

- Is-Sur Simonas KRĚPŠTA
- Is-Sa Rikke-Louise PETERSEN
- Is-Sa Derville ROWLAND
- Is-Sur Juan Manuel VEGA SERRANO.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
